**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 165/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-Vs-**

**WARREN GAUCI**

**Illum, 27 ta' Marzu 2023.**

**Il-Qorti,**

Rat illi **WARREN GAUCI** ta' 31 sena, bin Paul u Maria Theresa nee` Abela, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Gunju 1991, residenti fil-fond 72, Flt 2, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 330091M, li tressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fl-10 ta' Gunju 2021, f'xi ħin bejn is-sitta ta' wara nofsinhar (18:00hrs) u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs), ġewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara mingħajr il-ħsien li toqtol jew tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' David Portelli, u permezz ta'

strument li jaqta’ jew iniggeż kkaġunalu ġrieħi ta’ natura ħafifa hekk skond ma ġie ċċertifikat minn Dr. Samuel Zahra MD taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta, u/jew diversi tobba oħra;

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li tagħmel delitt u ċioe li mingħajr il-ħsieb li toqtol jew tqiegħed il-ħajja ta’ David Portelli f’periklu ċar, ikkaġuna ħsara ta’ natura gravi u permanenti fil-ġisem tiegħu, permezz ta’ strument li jaqta’ jew iniggeż, urejt dan il-ħsieb b’atti esterni u tajt bidu għall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma’ ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

3. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħek, ikkaġunajt lil David Portello biza’ li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta’ tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;

4. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li kont tagħmel delitt kontra l-persuna, kellek fil-pussess tiegħek arma regolari u cioe’ strument li jaqta’ u bil-ponta, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

5. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanz, żammejt u/jew ġarrejt strument li jaqta’ u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Finalment talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żammejt u/jew ġarrejt strument li jaqta’ u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi David Portelli, jew ghaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ta' protezzjoni favur David Portelli u l-familjari tiegħu, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jaħilfu l-akkużi bil-ġurament;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami jwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tatu żmien biex tahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex terga' jikkonsulta mad-difensur taghha.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu wara li ddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jirrikonsidra din l-ammissjoni u sabiex jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu s-serjeta` u l-piena erogabbli ghall-akkuzi li jinsab mixli bihom;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-Prosekuzzjoni, il-parti offiża kif ukoll id-difiża jirreġistraw is-segwenti dikjarazzjoni fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023:-

*"Il-Prosekuzzjoni, l-parti offiża u d-difiza lkoll jaqblu li l-incident mertu ta' dan il-kaz kien wiehed uniku u iżolat ghalkemm l-imputat u l-parte offiża huma girien. Il-parte offiza David Portelli jiddikjara li huwa qieghed jahfer lill-imputat ghal dak kollu li gara u li ġarrab f'dan l-incident u f'kaz illi hemm xi akkuzi illi jista' jirrinunzja għall-azzjoni kriminali dwarhom, huwa jiddikjara li qieghed jirrinunzja ghaliha. "*

Rat in-nota u d-dokument ippreżentati mid-difiza fit-23 ta' Marzu 2023 wara li awtorizzat li jressaq prova li mhuwiex reċidiv a tenur tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fit-23 ta' Marzu 2023 ammetta għall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tiegħu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur taghha u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab ħati.

Dan iżda, qed jingħad in kwantu l-imputazzjonijiet kollha għajr għat-tielet imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li l-imputat ikkaġuna lill-parti offiża, David Portelli, biża' li ser tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-persuni msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni legali.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi huwa assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja, illi wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt l-Artiklu 251B tal-Kap. 9 liema element irid neċessarjament jissussisti għas-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, huwa l-imġieba ossia kondotta ripetuta da parti tal-aġent tar-reat.

Dan hu deżumibbli mid-diċitura nnifisha tal-liġi fejn, fl-istess Artikolu 251B tal-Kap. 9, jingħad li dan ir-reat jiġi kommess minn:-

"*Persuna li **l-imġieba** tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħujew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba*

*tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża'* ***kull darba minn dawk l-okkażjonijiet**...*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)**."*[1] [emfasi ta' din il-Qorti]

Dan ifisser li l-aġir li qed jiġi allegat li jikkaġuna l-biża' fis-soġġett passiv tar-reat, irid jkun manifestat f'iktar minn okkażjoni waħda u mhux biżżejjed inċident wieħed iżolat.

Madankollu, il-partijiet kollha fil-kawża li għandha quddiemha l-Qorti lkoll jaqblu u fil-fatt irreġistraw espressament li l-inċident li ta lok għall-akkużi miġjuba kontra l-imputat, fosthom għalhekk ir-raba' imputazzjoni tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, **kien inċident uniku u iżolat u ma qatt ma seħħ qabel jew wara, ebda inċident ieħor bejn l-imputat u l-parti offiża**. Fil-fatt, din id-dikjarazzjoni hi sopportata mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat fiċ-Ċitazzjoni li kkommetta r-reati kollha "*nhar l-**10 ta' Ġunju 2021, f'xi ħin** bejn is-sitta ta' wara nofsinhar (18:00hrs) u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs) ġewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara...*". Dikjarazzjoni ta' żmien, ħin u lok li għall-Qorti hu evidenti li teskludi minnha nnifisha l-attribuzzjoni ta' xi xorta ta' kondotta ripetuta da parti tal-imputat, għaliex tagħmilha pjuttost ċar illi l-akkużi nibtu minn inċident wieħed u mhux iktar, u dan f'ħin

[1] Deciza 24.4.2009.

partikolari li jaqa' fil-parametri ta' ħin imsemmija fiċ-Ċitazzjoni, u fil-lok uniku imsemmi.

Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni bla riżerva tal-imputat għall-akkużi, il-Qorti ma tistax issib ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 addebitat fir-raba' imputazzjoni għaliex l-element kostituttiv tar-reat, *sine qua non* għal sejbien ta' ħtija, ġie espressament eskluż sija fil-partikolaritajiet ta' data u ħin imsemmija fiċ-Ċitazzjoni u fuq kollox, mill-partijiet kollha fil-proċeduri permezz tad-dikjarazzjoni reġstrata minnhom b'mod kollettiv. Il-Qorti ma tistax issib ħtija għal reat li hu evidenti li ma seta' qatt iseħħ kif addebitat anke jekk l-imputat ikun ammetta l-ħtija[2].

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputata, il-Qorti qieset qabel xejn il-fatt illi r-reati addebitati lill-imputat huma reati ferm gravi li jġorru piena ta' priġunerija għal żmien konsiderevoli fuq sejbien ta' ħtija, partikolarment ir-reati addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonjiet.

Iżda fl-istess waqt ma tistax ma tieħux in konserazzjoni diversi fatturi oħrajn, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-kumpilazzjoni, il-fatt li kif ġie dikjarat mill-Prosekuzzjoni, l-imputat ikko-opera l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt illi minkejja li l-inċident bejn l-imputat u David Portelli, il-parti offiża, seħħ kważi sentejn ilu, il-partijiet, li huma ġirien, ma kellhomx iktar inkwiet bejniethom u ma kienu involuti fl-ebda inċident ieħor. Dan ġie affermat mill-imputat izda fuq kollox minn David Portelli nnifsu li ddikjara wkoll quddiem il-Qorti illi huwa jaħfer lill-imputat għal dak li seta' seħħ fl-inċident tal-10 ta' Ġunju 2021 u qiegħed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tiegħu.

---

[2] L-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 ukoll jipprospetta dan l-istess ħsieb.

Għalkemm dan mhux possibbli għaliex it-tmexxija tal-azzjoni kriminali dwar ir-reati li ġie mixli bihom l-imputat m'hijiex dipendenti fuq il-kwerela tal-parti offiża u r-reati huma prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Qorti sejra tieħu din id-dikjarazzjoni tal-parti offiża in konsiderazzjoni għall-fini tal-piena, anke għaliex l-istess dikjarazzjoni intrabat li jirreġistraha l-imputat odjern il-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tal-parti offiża. Fil-fatt, għandu jingħad illi kif jirriżulta mil-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Marzu 2023, il-parti offiża afferma b'dikjarazzjoni espressa fil-presenza tal-avukat tiegħu illi huwa jinsab mixli fi proċeduri kriminali separati b'rabta mal-istess inċident tal-10 ta' Ġunju 2021, għal reati kommessi fil-konfront tal-imputat odjern. Dan ifisser ukoll li huwa m'huwiex xhud kompetenti, talanqas f'dan l-istadju, f'dawn il-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti.

Il-Qorti m'hijiex sejra twarrab lanqas id-dikjarazzjoni li għamlu l-partijiet dwar il-piena li huma lkoll iqisu bħala waħda idonea fiċ-ċirkostanzi, ċioe' ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Iżda qabel xejn, il-Qorti trid tistħarreġ jekk sanzjonijiet bħal dawk maħsuba fl-Att dwar il-Probation humiex applikabbli f'dan il-każ stante li l-imputat ammetta wkoll il-ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, ċioe' l-attentat ta' offiża gravi permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż. Il-piena għal dan ir-reat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 217 tal-Kap. 9 huwa ta' priġunerija minn sentejn sa għaxar snin, bi tnaqqis ta' grad jew tnejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 minħabba li r-reat ma ġiex ikkonsmat.

L-Artikoli 7, 11 u 22 tal-Kap. 446 jiddisponu illi s-sanzjonijiet ta' Ordni ta' Probation, Ordni ta' servizz fil-komunita' u Ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, jistgħu jiġu applikati biss meta, *inter alia,* ir-reat ma jkunx wieħed li apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f'li jkun wieħed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti, li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin.

Għalkemm il-Qorti ma tirravviża xejn fl-atti li teskludi jew li jikkonvinċiha li m'għandhiex tnaqqas il-piena maħsuba fl-Artikolu 217 tal-Kap. 9 b'żewġ gradi - anke għaliex kif rajna, il-parti offiza ħafer lill-imputat, l-inċident kien biss wieħed iżolat u ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti li turi x'kienu ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ dan l-attentat ta' offiża ta' natura gravi u lanqas x'kien l-istrument li ntuża - fi kwalsiasi każ, anke f'każ ta' tnaqqis ta' grad wieħed biss mill-piena, ma jirriżultax illi l-piena massima għall-attentat tar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, teċċedi priġunerija għal seba' snin.

Jirriżulta wkoll illi r-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, l-offiza ta' natura ħafifa kkaġunata bi strument li jaqta' jew iniggeż, huwa punibbli bi priġunerija minn sentejn sa seba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9. Madanakollu, hawnhekk hu ovvju li dan ir-reat ġie kommess bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni u għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi liema reat, f'dan il-każ, huwa l-attentat ta' offiża ta' natura gravi bi strument li jaqta' jew iniggeż a tenur tal-Artikolu 217 moqri flimkien mal-Artikolu 41(1) tal-Kap. 9.

L-istess jgħodd għar-reat taħt l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 stante illi hu ovvju li hawnhekk isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni għaliex huwa evidenti li l-istess fatt, ċioe' l-użu ta' strument li jaqta' waqt li ġiet imwettqa offiża fuq persuna oħra, ta lok għall-ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi. Għaldaqstant, f'dan il-każ ukoll għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi ċioe' dak taħt l-Artikolu 217 tal-Kap. 9 jew l-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9, u mhux dak taħt il-Kap. 480[3].

Fi kwalsiasi każ, il-Qorti sejra tqis ukoll il-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda dokument fl-atti proċesswali li jista' jixħet xi dawl fuq in-natura tal-offiża li ġarrab il-parti offiża. Kemm hu hekk, ma ġie prodott ebda ċertifikat mediku jew rapport tal-

---

[3] Għalhekk, ma jiġux applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61 tal-Kap. 480.

okkorrenza li jfisser jekk l-offiza ħafifa subita kienetx waħda ta' importanza żgħira jew le u ċ-ċirkostanzi li fihom ġew kommessi r-reati u konsegwentement, jibqa' mhux aċċertat jekk l-offiż ħafifa tirrientra, allura, fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(3)(a) u mhux id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9. In vista ta' dan id-dubju, il-Qorti tqis li għandha tapplika dan id-dubju għall-benefiċċju tal-imputat stante li ma hemm xejn fl-atti li jeskludi li din l-offiża kienet waħda ta' importanza minima.

Għalhekk, stabbilit dan kollu, ma jirriżultax li jeżisti xi impediment għall-fini tal-piena, tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

Miżmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha diġa' magħmula, u wara li rat illi l-fedina penali tal-imputat m'hijiex waħda oneruża iżda fuq kollox il-fatt illi hija l-parti offiża m'għandux interess iktar f'din l-azzjoni, hi konvinta li dan kien inċident ta' darba u ma jirriżultax li l-imputat huwa persuna propensa għall-vjolenza. Għadu relattivament żgħir fl-eta'.

Fil-ġabra ta' dan kollu, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u meħud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti taqbel mal-partijiet kollha li ma jkunx spedjenti li twahhal piena lill-imputat għar-reati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Anzicche' piena ta' priġunerija, il-Qorti tqis li jkun ferm iktar opportun li taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' tliet snin.

Izda fl-istess waqt, in vista ta' dak li ġie sottomess mill-partijiet kollha, il-Qorti tqis li huwa mehtieg li tipprovdi għas-sigurta` ta' David Portelli u għal dan il-għan tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għal żmien ħames snin għall-finijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9.

In fine, għar-reat taħt l-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480), il-piena applikabbli hi multa ta’ €116.47.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta addebitat fit-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216, 217, 221(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil WARREN GAUCI ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontrih u filwaqt li in kwantu għall-ħtija għar-reat addebitat fil-ħames imputazzjoni tikkundannah multa ta’ mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu r-reati l-oħra kollha li dwarhom qed jinstab ħati, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta’ tliet snin.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ David Portelli qiegħda tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Trazzin kontra l-istess WARREN GAUCI a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta għal żmien tliet (3) snin u dan taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f’dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Tordna in fine illi fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**